MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Numru 345/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Micallef)**

**vs**

**EMANUEL SACCO**

**Illum 18 ta’ Mejju, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuel Sacco ta’ 53 sena, d.t.t. 22 ta’ Dicembru 1951, imwieled Rabat, Malta, bin Leonard u Theresa nee Bonello, residenti ‘Katie Farmhouse”, Raba’ Nemel, limiti tar-Rabat, Malta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ 8652(M) gie akkuzat;

Talli f'Islet Promenade, Bugibba, u f'dawn il-gzejjer fl-14 ta' Frar 2004, u fis-snin ta' qabel, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, bi ksur tal-Artiklu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, jum hin u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artiklu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan bi ksur tal-Artiklu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, jum u hin u cirkostanzi saq vettura ta' ghamla Hyundai Stellar bin-numru tar-registrazzjoni KAD229, minghajr ma' kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda), bi ksur ta' l-Artiklu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok SM2 u nnutat li l-imputat m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Stephen Micallef iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 183 u 184 tal-Kap. 9 u l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Emanuel Sacco, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Stephen Micallef iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Emanuel Sacco ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ tliet (3) snin millum l-imputat Emanuel Sacco jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emanuel Sacco l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------